MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2005

Appell Civili Numru. 1835/2003/1

**Paul Grech u Jacqueline Grech**

**vs**

**Joe Mary Mizzi f' ismu u a nom tad-ditta Power Point Lighting & Electrical**

**Il-Qorti,**

Fis-17 ta' Settembru, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Settembru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut pro et nomine jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u hamsa u erbghin lira Maltin (Lm145.00) rapprezentanti rifuzjoni

ta' depositu akkont effetwat mill-atturi mis-somma ta' Lm665.00 bhala l-prezz ta'diversi linef ordnati mighand il-konvenut pro et nomine. L-atturi jghidu li huma rcevew il-konsenja ta' linfa wahda biss fil-prezz ta' Lm25.00 u xejn aktar u ghalhekk huma ntitolati jircievu r-rifuzjoni tal-bilanc tad-depozitu minnhom imhallas. Bl-imghax.

Ra r-Risposta prezentata mill-konvenut pro et nomine fejn huwa eccepixxa s-segwenti:-

1. Illi preliminarjament l-eccipjenti ma humiex il-legittimi kontraditturi stante li l-atturi la kkuntrattaw ma Joe Mary Mizzi f'ismu proprju u l-anqas mad-ditta Power Point Lighting & Electrical.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju, it-talba attrici hija ntempestiva stante li kienu l-istess atturi li naqsu li jaccettaw, jixtru u jirtiraw il-konsenja tal-linef ordnati minnhom u ghalhekk l-inadempjenza kontrattwali hija addebitabbli lill-atturi.

3. Illi, subbordinatament u minghajr eda pregudizzju, ghar-ragunijiet fuq imsemmija t-talbiet attrici huma inamissibbli stante li l-atturi naqsu mill-obblligi taghhom li jaccettaw u jixtru dak minnhom ordnat kif gia' imsemmi.

Sema' x-xhieda tal-atturi u ta' Joe Mary Mizzi. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi permezz tal-ewwel eccezzjoni il-konvenut pro et nomine qwd jeccepixxi li la hu f'ismu proprju u l-anqas id-ditta Power Point Lighting & Electrical ma huma l-legittimi kontradditturi stante li huma qatt ma kkuntrattaw mal-atturi. Mill-provi rrizulta li l-atturi kienu diga' ntavolaw proceduri quddiem it-Tribunal Ghal Konsumatur rigwardanti l-mertu li qed jiproponu fil-kawza odjerna. Huma kienu ntavolaw il-proceduri kontra s-socjeta' Power Point Lighting &

Electrical Limited u ottjenew sentenza fil-konfront ta' din il-kumpanija (ara dokument a fol. 33 u 34 tal-process). Mill-provi mressqa fil-kawza odjerna irrizulta li l-atturi ma setghux jesegwixxu dik is-sentenza peress li s-socjeta' bl-isem ta' Power Point Lighting & Electrical ma kienitx tezisti u huma ghalhekk intavolaw il-proceduri odjerni kontra l-konvenut Joe Mizzi f'ismu proprju u in rapprezentanza tad-ditta Power Point Lighting & Electrical. Kif diga' ntqal aktar il-fuq il-konvenut pro et nomine qed jeccepixxi li huwa m'huwiex il-legittimu kontradittur stante li ma kkuntrattax mal-atturi. Huwa spjega li jiggestixxi n-negoozju permezz tas-socjeta' Powwer Point Limited u esebixxa l-istatut relattiv (a fol. 41 et seq.) liema socjeta' hija propjetarja ta' diversi hwienet bl-isem ta' Power Point u tofri servizzji ta' 'lighting and electrical' kif indikat fil-letterheads taghha.

Mill-provi mressqa quddiem dan it-Tribunal jirrizulta li din l-eccezzjoni ghandha tintlaqa' u dan ghas-segwenti ragunijiet:-

1. L-atturi kienu jafu ben tajjeb li huma nnegozjaw ma' kumoanija u dan jirrizulta mill-ittra li huma baghtu lid-Dipartiment tal-Konsumatur (ara dokument a fol. 32) fejn huma indikaw l-isem tal-kumpanija bhala Power Point Lighting & Electrical Limited.

2. Una volta li huma ottjenew is-sentenza mit-Tribunal ghal Konsumatur kontra kumpanija inezistenti, u dan ghaliex huma stess kienu erronjament indikaw isem zbaljat, setghu facilment jaghmlu r-ricerki necessarji fir-Registru tal-Kumpanij rigward l-isem korrett tal-kumpanija qabel ma ntavolaw il-proceduri odjerni.

3. Inoltre fir-Risposta prezentata quddiem it-Tribunal Ghal Konsumatur (a fol. 35), kopja tal-liema giet esebita f'dawn il-proceduri mill-atturi stess li ghalhekk ifisser li huma kienu a konoxxenza tal-kontenut taghha, hemm indikat car u tond li l-atturi kienu effetwaw l-ordni relattiva minghand il-kumpanija Power Point.

Jirrizulta ghalhekk ampjament pruvat li l-konvenut pro et nomine m'huwiex il-legittimu kontradittur. Ikun ghalhekk inutili u superfluwu li t-albiet attrici jigi kkunsidrati ulterjorment fil-mertu

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut pro et nomine u konsegwentement jichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-istess konvenut pro et nomine.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-atturi."

Minn din is-sentenza appellaw l-atturi bl-aggravju illi t-Tribunal zbalja meta laqa' l-eccezzjoni tal-konvenut illi hu ma kienx il-legittimu kontradittur. Huma jikkontendu illi mid-dokumenti esebiti wiehed ma jistax jikkonkludi li huma kienu jafu li qed jittrattaw ma' socjeta`, li *del resto* qatt ma giet zvelata lilhom;

It-twegiba tal-konvenut ghal dan l-aggravju tikkonsisti fis-sottomissjoni illi kien jinkombi fuq l-atturi appellanti li jaghmlu d-debita ricerka dwar l-identita` vera tas-socjeta` li maghha kkontrattaw;

Ir-ragonament li fuqu t-Tribunal sejjes il-konkluzjoni tieghu hu duplici:-

(1) L-atturi kienu jafu li nnegozjaw ma' socjeta` ghax fl-ittra taghhom lid-Direttur tal-Konsumatur (fol. 32) huma indikaw il-kumpanija bhala "Power Point Lighting & Electrical Limited";

(2) Kien indikattiv mir-risposta tal-konvenut quddiem it-Tribunal ghal-Konsumatur (fol. 35) illi l-atturi kienu a konoxxenza tal-fatt li l-ordni relattiva giet minnhom pjazzata mal-kumpanija Power Point;

Issa in kwantu ghall-ewwel konsiderazzjoni ma jistax ikun dubitat illi kienu l-atturi stess li bl-indikazzjoni li saret minnhom fl-ittra tat-30 ta' Jannar 2002 huma hasbu li kienu kkontrattaw mas-socjeta` f' din l-ittra indikata b' dak l-isem. Irrizulta li huma ma setghux jezegwixxu s-sentenza ottenuta mit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi in kwantu huma rrealizzaw li kienu iccitawha zbaljatament billi l-konvenut ma kienx jerzercita n-negozju tieghu tramite socjeta` b' dak l-isem. Huma ghalhekk irrikorrew ghad-dokumenti li kellhom fil-pussess taghhom u ghaddew biex harrku lill-konvenut quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar fit-termini ta' dawn l-istess dokumenti;

Precizat is-suespost, din il-Qorti ma taqbelx mat-tieni motivazzjoni formulata mit-Tribunal adit. Dan ghaliex bil-kontra ta' dak minnu ritenut mid-dokument a fol. 30 konsistenti fl-Order Form datata 23 ta' Settembru 1998 ma jirrizulta minn imkien li "Power Point (Lighting & Electrical) kienet xi kumpanija b' responsabilita` limitata. Dan *del resto* lanqas ma jirrizulta mill-*fiscal receipt* (fol. 31) meta l-attur hallsu d-depozitu ta' mija u sebghin lira (Lm170) u lanqas mill-ittra a fol. 35 li l-konvenut baghat lit-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur. L-istess konvenut jistqarr li l-*letter heads* huma indikati b' dak il-mod ghaliex is-sengha taghhom hija fil-kamp tal-*lighting and electrial equipment* (fol. 37);

In bazi ghal din l-osservazzjoni din il-Qorti ma tarax kif l-konvenut seta' jsostni eccezzjoni tax-xorta minnu ventilata. Id-dokumenti surreferiti u li fuqhom l-atturi bbazaw l-azzjoni taghhom juru li l-ordni saret ma' Power Point izda mhux ukoll ma' Power Point Limited. M' hemm ebda ndikazzjoni li l-konvenut, li certament ha hsieb il-mili tas-Sales Order, ghamel dan ghan-nom ta' xi socjeta`. Il-prova dokumentarja allura kienet pjenament tiggustifika lill-atturi appellanti meta dawn agixxew kontra l-konvenut fil-mod kif gie citat. Certament, f' kaz bhal dan, ma kienx bizzejjed li l-konvenut jafferma dak li kien apparentement maghruf lilu biss u cjoe li hu kien direttur tal-kumpanija Power Point Limited (fol. 37) jew li jesebixxi l-istatut socjali

taghha (fol. 41) biex juri l-ezistenza tas-socjeta` *qua* gestitrici tan-negozju;

Jinsab pacifikament deciz illi "hija haga minn ewl id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu sakemm ma jidherx li qieghed jikkontratta f' isem haddiehor jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf li qieghed jikkontratta f' isem haddiehor. Il-piz tal-prova li min ikkontratta ghamel hekk f' isem haddiehor tinkombi fuq minn jaghmel l-allegazzjoni" - "**Frank Cilia *nomine* -vs- Charles Scicluna**", Qorti tal-Kummerc, 27 ta' April 1992. Ara a propozitu f' dan l-istess sens decizjonjiet fl-ismijiet "**Anthony Caruana *et* -vs- John Magro *et***", Appell, 6 ta' Ottubru 1999 u "**Joseph Grech -vs- Domenico Savio Spiteri**" Appell, 25 ta' Mejju 2001;

Minn kif okkorrew ic-cirkostanzi f' dan il-kaz, in partikolari rinfaccjati bl-iskoll ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumatur, ma kien hemm ebda raguni ghaliex l-atturi appellanti, fuq l-istregwa tad-dokumenti aktar 'il fuq riferiti, ma kellhomx jippresumu illi l-konvenut, meta kkonkluda l-ftehim fir-rigward ta' l-ordni pjazzata, ma kienx qieghed jagixxi skond kif, *ex-facie* l-istess dokumenti, kien hekk indikattiv. Kien jispetta lill-konvenut li jaghmilha nkonfondibilment car illi huwa kien accetta l-ordni li sartilu f' isem is-socjeta` li kien jirrapprezenta u mhux f' ismu jew ghad-ditta ndikata fil-*letter heads*. "Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qieghed jagixxi bhala mandatarju ta' haddiehor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien gie a konoxxenza tal-persuna li maghha jkun qieghed jikkontratta u dana sal-mument meta l-ftehim ikun gie finalizzat" - "**Lawrence Formosa *et nomine* - vs- Silvio Felice**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999;

Kif drabi ohra gie deciz "fin-nuqqas ta' prova, jew anki fid-dubju, il-mandat ma jistax jigi prezunt, anzi ghandu jigi eskluz" - "**Nobbli Markiz Paolo Apap Bologna *nomine* -**

**vs- Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier *nomine*** *et*", Qorti Civili, Prim' Awla, 6 ta' Frar 1958 (**Kollez. Vol. XLII P II p 903**);

Fic-cirkostanzi din il-Qorti jidhrilha li hu l-kaz li tiddipartixxi mir-ragonament u konkluzjoni tat-Tribunal billi tammetti l-appell interpost u tipprovdi fit-termini mahsub fl-Artikolu 8 (4) tal-Kapitolu 380.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell u b' hekk thassar u tirrevoka s-sentenza appellata. Tiddiferrixxi l-kawza ghat-8 ta' Gunju 2005 biex tinstema skond il-ligi kif provdut fis-subinciz (4) ta' l-Artikolu 8 ta' l-Att V ta' l-1995. L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------